MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 192/2008

**A B**

**-vs-**

**C D E**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta’ A B, li permezz tieghu, wara li ppremettiet:

Illi l-kontendenti zzewgu nhar is-7 ta’ Gunju 2003 fil-‘Saveway International Christian Ministry’, Imriehel, u dan kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg immarkat Dok. A;

Illi minn dan iz-zwieg ma twieldu l-ebda tfal;

Illi l-intimat irrenda ruhu hati u fil-konfront ta’ martu ir-rikorrenti ta’ adulterju, eccessi, mohqrija, theddid, ingurji gravi u sevizzi, b’rizultat li l-hajja matrimonjali ta’ bejniethom m’ghadhiex aktar possibli tant illi z-zwieg tkisser irrimedjabilment;

Illi inoltre, il-hajja matrimonjali bejn il-kontendenti hija impossibli minhabba inkompatibilita’ ta’ karattru;

Illi r-rikorrenti giet awtorizzata sabiex tipprocedi ghal separazzjoni personali skond digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti datat 22 ta’ Frar 2008, fl-atti tal-ittra numru 104/08 hawn anness u mmarkat Dok. C;

Ghaldaqstant, l-intimat jghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet premessi unikament imputabbli lill-intimat;

Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tghix esklussivament fid-dar matrimonjali bl-isem ta’ Geholi, Triq il-Brankutill, Qawra;

Tikkomina kontra l-istess intimat, il-provvediment tal-Artikolu 48 u l-Artikolu 51 sa 61 tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Prevja li tiddikjara illi d-dar matrimonjali hija proprjeta’ parafernali tar-rikorrenti, tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, tillikwida u taqsam l-istess f’zewg porzjonijiet li jigu assenjati wahda lil kull wiehed mill-partijiet, b’dana illi jigu applikati is-sanzjonijiet imsemmija fil-hames talba, okkorrendo bin-nomina ta’ periti nominandi u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirraprezenta lill-intimat fl-eventwali kontumacja fuq l-istess att;

Tillikwida l-krediti kollha dovuti mill-komunjoni tal-akkwisti u mill-intimat a favur ir-rikorrenti u tordna lill-intimat ihallas a favur ir-rikorrenti dawn il-krediti hekk likwidati;

Tordna lill-intimat jirrestitwixxi lill-esponenti l-beni u krediti parafernali taghha jew il-valur rispettiv taghhom fi flus.

Bl-ispejjez kontra l-intimat minn issa ingunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata ta' C D E, li in forza taghha, eccepixxa:

Illi in kwantu, it-talbiet huma bbazati fuq allegazzjoni ta' tortijiet attribwibbli lill-eccipjent, senjatament adulterju, eccessi, mohqrija, ingurji gravi u sevizzi, id-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt. F'dan is-sens, l-ewwel talba attrici ghandha tigi michuda;

Illi huwa minnu pero' li z-zwieg tkisser irrimedjabilment, izda l-konvenut ma jaccettax illi t-tkissir ta' dan iz-zwieg jigi attribwit lilu;

Illi t-tieni talba ghandha tigi michuda stante li ma hemmx ragunijiet validi ghaliex il-konvenut ghandu jkun imgieghel johrog mid-dar matrimonjali;

Illi t-tielet talba ghandha ukoll tigi michuda ghall-istess ragunijiet premessi;

Illi r-raba' talba mhix opposta, izda l-imsemmija qasma m'ghandhiex issir b'mod ugwali ghaliex ghandu jittiehed qies tal-oggetti li huma proprjeta' parafernali jew personali tal-eccipjent;

Illi l-hames talba ghandha tigi michuda ghaliex m'hijiex misthoqqa;

Illi t-talba numru sitta ghandha tigi michuda stante li l-intimat ma ghandu ebda beni u krediti parafernali tal-attrici.

Rat l-affidavit prodotti.

Rat il-verbali tas-seduti quddiem l-Assistent Gudizzjarju.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza, ir-rikorrenti qed titlob il-firda minn ma' zewgha. L-affidavit taghha huwa elenku shih ta' tortijiet fil-konfront taghha min-naha ta' zewgha. Kollox gie konfermat minn habiba intima taghha. Il-ftit provi prodotti mill-intimat ma xejnu ebda wahda mix-xiljiet serji li ghamlet fil-konfront tieghu, ir-rikorrenti martu. Ta min jinnota li lanqas ma xehed l-intimat innifsu. Lanqas id-dokument minnu prezentat ma gie konfermat bil-gurament. Ghaldaqstant, il-Qorti tqis li r-rikorrenti ppruvat sal-grad rikjest mil-ligi dak kollu li allegat.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-intimat;

1. Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja l-firda personali bejn il-kontendenti minhabba tortijiet imputabbli lill-intimat;

2. Tilqa' t-tieni talba u tawtorizza lil A B tghix esklussivament fid-dar matrimonjali Geholi, Triq il-Brankutill, Qawra, liema proprjeta' hija parafernali ghar-rikorrenti;

3. Tapplika fil-konfront tal-intimat il-provvedimenti tal-Art. 48 u l-Art. 51 sa 61 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti;

5. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames u s-sitt talba stante li ma ngabux provi.

L-ispejjez jithallsu minn C D E.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------